Din kienet, biex nghid hekk, id-duwa wahdanija li setghet tinghata lill-dawk li jimirdu bill-kolera, u din ghadha tinghata f'xi nkejjen ohra fid-dinja. Fi zmien it-tazza, ix-xjenza kienet ghadha ma haditx xejra l-quddiem. Ghalhekk din il-mistura, b'xi haga biex ixxejjen it-toghma hazina, ma kienetx bizzejjed biex ixxejjen ir-rehja ta' l-imsaren u d-deni. Ghalhekk it-tazza kienet tittiehed ghalxejn. Illum minflok din jaghtu ilma bill-melh, bikarbonat u xi ngredjenti ohrajn, kollox imhallat fl-ilma mgholli. Meta l-marid mill-kolera jixrob hafna minn dan l-ilma, isib fih dak kollu li jkun tilef, ghalhekk ma jmutx. Billi l-marid ikollu hafna deni, jaghtuh il-penicillin specjali bit-tingiza. Bhala prevenzjoni illum hemm ukoll it-tilqim kontra l-kolera. Hafna huma dawk li semghu min jghid "oqghod kwiet ghax hawn it-tazza ghalik!" Dan ifisser li jekk ma tiskotx intik dan ix-xorb.

---

Minhabba li f'din il-harga ma kienx hemm spazju biz-zejjed, l-editur jiddispjacih li ma jistax idahhal ahbarijiet lokali ta' nteress folkloristiku, izda huwa mahsub li dan i sir f'harg'ohra.

---

L-editur jixtieq javza lill-kontributuri ta' artikoli biex jidhru fl-Imnara, li dawn ghandhom ikunu originali. Ukoll, l-aktar artikoli accettabbli huma dawk li jittrattaw dwar esperjenzi personali u drawwiet li spiccaw, sa qabel il-gwerra li ghaddiet.

---